MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Mandat Numru. 1222/2006/1

**Wara l-Atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru 1222/06 JB fl-ismijiet:**

**Alfred Mifsud (ID 57447M)**

**Vs**

**Emanuel Spagnol (ID 353254M)**

Ic-"Chairman" tal-Bord:

Ra r-rikors ta' Emanuel Spagnol, illi permezz tieghu, wara li ppremetta:-

1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet intavolata in konnessjoni ma' fond deskritt bhala Numru 7, Triq il-Bandolier, Zejtun; fil-fatt, l-esponent jikri minghand Alfred

Mifsud il-fond Numru 11, fi Triq il-Bandolier, li qabel kien igib in-numru 4, izda li qatt ma kien igib in-numru 7;

2. Illi fil-fatt, Alfred Mifsud iktar kmieni din is-sena kien diga' intavola proceduri ohra fuq indirizz erronju, li ghalihom deher l-esponent sabiex jopponi u fil-fatt gew ceduti minn Alfred Mifsud in vista ta' tali zball; gara izda li nhar id-29 ta' Mejju 2006 l-esponent kien prezenti ukoll imma ma semghax il-kawza tissejjah u ghalhekk ma deherx sabiex jopponi u jispjega li kien rega' gie intavolat rikors fuq indirizz zbaljat;

3. Illi fis-6 ta' Ottubru Alfred Mifsud intavola rikors fl-atti ta' dan ir-rikors fejn, biex jghatti l-izball tieghu, allega li l-fond Numru 11 qabel kien igib in-numru 7;

4. Illi r-rinumerazzjoni tal-bibien saret permezz ta' avviz tal-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Settembru 2003 (Dok ES1), f'dan id-dokument il-proprjeta' mikrija lill-esponent qieghda mnizzla bhala "House w/o no" u giet rinumerata 11; il-bieb numru 5 gie rinumerat 13, il-bieb 6 ma giex rinumerat ghaliex kien inghalaq, il-fond li kien igib in-numru 7 qieghed imnizzel bhala "Garage" u gie rinumerat 15, u n-numru 8 gie rinumerat 17; minn dan jirrizulta li l-proprjeta' in kwistjoni qatt ma kellha n-numru 7 kif allegat minn Alfred Mifsud (ir-raguni ghalfejn il-proprjeta' qieghda deskritta bhala minghajr numru hija li dak iz-zmien kienet inzebghet il-faccata u n-numru ma baqghax jidher);

5. Illi kemm fil-fatt Alfred Mifsud intavola l-proceduri tieghu in konnessjoni ma' proprjeta' ohra jirrizulta mill-fatt illi pprezenta ritratti ta' proprjeta' ohra; l-esponent qieghed jipprezenta bhala Dok ES2 kopja tar-ritratti esebiti minn Alfred Mifsud matul il-kawza u bhala Dok ES3 ritratt tal-proprjeta' mikrija lilu;

6. Illi inoltre, recentement, Alfred Mifsud mar personalment fil-presenza ta' l-esponent jaqla' n-numru 11 minn fuq il-faccata tal-proprjeta', in konnessjoni ma' dan l-esponent intavola rapport fl-Ghassa lokali;

7. Illi l-esponenti qieghed ukoll jannetti dokumentazzjoni li tixhed illi l-proprjeta' lilu mikrija kienet fil-korrispondenza ufficjali deskritta bhala Numru 4 (Dok. ES 4 sa 6);

L-esponent talab umilment sabiex dan l-Onorabbli Bord joghgbu preliminarjament jordna s-sospensjoni ta' l-

ezekuzzjoni tal-mandat fl-ismijiet premessi u finalment jirrevoka contrario imperio d-digriet tieghu tad-9 ta' Ottubru 2006 fejn laqa' r-rikors maghmul fis-6 ta' Ottubru 2006, occorrendo wara li jaghti smiegh lill-partijiet.

Ra ukoll id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors u li jinsabu annessi ma dawn l-atti a fol 5 sa fol 12.

Ra d-digriet preliminari moghti fl-isbatax (17) ta' Ottubru 2006 (fol 13 ibid) kif ukoll id-dokumenti a fol 14 sa fol 19 ibid.

Ra' d-digriet moghti mill-istess Bord kif diversament presjedut a fol 20 ibid.

Ra r-risposta tal-intimat a fol 24 ibid u li biha espona bir-rispett:-

1. Preliminarjament in-nullita tal-procedura segwita stante li l-procedura stabbilita fl-artikolu 283A tal-Kap 12 li tirrikjedi li l-intimat jigi notifikat bl-atti tar-rikors ma gietx segwita ghal liema raguni din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-talba.
2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta bl-aktar mod car illi r-rikorrent ma qieghedx jghid il-verita stante illi f'nifs jirreferi ghal dokument ufficjali li jindika l-fond in kwistjoni bhala unnumbered u f 'nifs iehor jghid ili l-fond in kwistjoni min dejjem kien immarkat bin-numru 11.

Jigi sottomess bir-rispett illi l-fond mertu tal-mandat minn dejjem kien mgharuf bin-numru 7 kuntrarjament ghal dak espost mir-rikorrenti u dan kif jirrizulta mid-dokument rilaxxat mill-Kunsill Lokali taz-Zejtun. Dokument li jinsab in atti u anke kif jista jigi stabilit mill-Ufficjali tal-Pulizija li ta' kuljum ikollhom rapporti mill-girien minhabba l-komportament hazin tan-nies li jabitaw fil-fond detenut mir-rikorrenti b'titolu ta' kera minghand l-intimat. Il-girien dejjem indikaw dan il-fond bhala Numru 7.

Illi fl-ahhar u mhux l-inqas jigi indikat li l-esponenti fl-ebda hin ma presenta jew esebixxa xi ritratt fl-atti ta' din il-kawza jew xi procedura ohra u ghaldaqstant dan

jikkostitwixxi agir serju li jimmerita sanzjoni stante li ma hux gust li l-Qorti tigi zvijjata b'dikjarazzjonijiet foloz.

Ghaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jgib il-fuq espost a formali konjizzoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlobha tichad it-talba kif dedotta u tordna l-prosegwiment ghal esekuzzjoni tal-mandat aktar il-fuq indikat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi b'sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2006, il-Bord kif diversament presjedut kien laqa' t-talba tal-intimat odjern sabiex ir-rikorrenti, f'dawn l-atti, jigi zgumbrat mill-fond "7 (seba'), Triq Bandolier, Zejtun u dan fi zmien xahar mid-data tal-istess sentenza.  Kif jidher mill-istess sentenza din it-talba giet milqugha a bazi tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-istess rikorrenti debitament notifikat ma kienx wiegeb ghar-rikors promotur u lanqas ma kien deher fis-seduta appuntata u dan sabiex jikkontesta t-talbiet dedotti mill-istess rikors.  Fi ftit kliem ir-rikorrenti odjern ma kienx ikkontesta l-istess talbiet u b'hekk inghatat is-sentenza citata "in contumacia".

Illi, b'digiret moghti fis-16 ta' Awissu 2006 li hu anness ma' dawn l-atti, l-istess rikorrenti ottjena l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament mill-istess fond (mandat numru 1222/06 JB).

Illi, wara l-hrug tal-imsemmi mandat permezz ta' digriet in atti ukoll moghti mill-Bord kif diversament presjedut (ara fol 14 u fol 16 ibid) il-Marixxal involut kien gie awtorizzat sabiex jezegwixxi l-istess mandat fl-indirizz <u>numru 11, Triq il-Bandolier, Zejtun</u>.

Illi in sostenn ta' dak premess kemm fir-rikors in esami kemm fir-risposta tal-intimat f'dawn l-atti, gew prodotti diversi provi mill-partijet, kemm oralment kemm permezz ta' dokumenti.  In rigward l-istess provi, ic-"chairman" jara

li s-segwenti huma dawk li huma rilevanti ghall-identifikazzjoni tal-fond in kwistjoni:-

a) <u>L-istess intimat</u>, prodott in subizzjoni xehed, meta muri l-fotokopja ta' ritratt a fol 7 tal-atti, illi l-post in kwistjoni "… huwa dak muri fuq dan ir-ritratt l-ewwel wiehed mix-xellug" inklusa dik il-parti fejn hemm tieqa fuq il-lemin tal-istess bieb.
b) <u>Ir-rikorrenti</u>, fix-xhieda tieghu xehed illi kien jaqbel ma dan li kien xehed l-intimat cjoe li l-fond in kwistjoni hu "…. Dak fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess ritratt li ghandu bieb u tieqa". Dwar in-numri, hu sostna li originarjament, dan kien "erbgha" (4) izda sussegwentement kienet twahlet "karta bin-numru 11 fuqha" (ara ukoll fol 6 ibid fejn hemm indikat illi "house without number" inghatat in-numru gdid "11"). Inoltre hu sostna illi fit-Triq in kwistjoni, qatt ma kien hemm fond enumerat "7" u li fil-pussess tieghu, ma kienx hemm il-ktieb ta' ircevuti ghax, skond hu, ma kienx inghata lura lilu mill-intimat stess.
c) <u>Daniel Attard</u>, is-Segretarju tal-Kunsill Lokali taz-Zejtun li kkonferma l-kontenut taz-zewg ittri a fol 15 u fol 17 ibid.

Dan semma', b'referenza ghall-istess kontenut illi kien hemm fond enumerat "sebgha (7)" u li dan il-post kien jappartjeni lil "certu Mifsud". Sussegwentement, dan in-numru kien gie mibdul ghal "11" (ara ukoll ix-xhieda tas-Sindku tal-istess lokalita, <u>Joseph Attard</u>).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher illi:-

a) il-post in kwistjoni, fuq basi ta' probabilta kien gie enumerat, b'mod inufficjali, bin-numru sebgha (7) u sussegwentement kien gie, din id-darba ufficjalment, enumerat "hdax (11)".

b) L-istess post hu facilment identifikabbli bhala dak muri fuq ir-ritratt, in fotokopja a fol 7 ibid.

c) Ma irrisultax mill-provi illi hemm aktar minn post wiehed li kien mikri mill-intimat lir-rikorrenti odjern.

d) Permezz ta’ digriet di gja msemmi l-Marixxal kien gie awtorizzat illi jezegwixxi l-mandat in esami fuq il-post enumerat “hdax (11) gja numru sebgha (7)”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talba in esami ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, c-“chairman” tal-Bord waqt li jirrevoka “contrario imperio” id-digriet preliminari moghti fl-17 ta’ Ottubru 2006 fejn giet ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat in esami, tichad it-talba ghar-revoka ta’ dan il-mandat bl-ispejjes ta’ din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------